**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 24**

**Data:** **29 ta' Jannar, 2020**

**Hin:** **08.30am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

24.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

24.5 Korrispondenza u Rapporti;

24.6 Attivitajiet;

24.7 Skeda ta' Gbir ta' Skart;

24.8 Progetti u Xogholijiet;

24.9 Bye-Laws;

24.10 Performance Bonus;

24.11 Materji ohra;

24.12 Skeda ta' Pagamenti;

24.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**24.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

24.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-Sindku spjega li l-Progett li fih huwa partner il-Kunsill Lokali l-Gharb bl-isem 'Mappae' wasal fl-istadju ta' l-eghluq tieghu. Kull partecipant irid jaghmel attivita' bhala demostrazzjoni ta' hxejjex u prodotti tal-herbs. Bhala suggeriment is-Sindku ssugerixxa li nistiednu lill-ghalliema li ghamlet il-kors tal-hobz online sabiex isajjar bil-herbs u titkellem dwarhom. Gie innotat li hemm ukoll persuna mix-Xaghra. Tonio Mifsud issugerixxa ukoll lil Alda Bugeja. Tkompliet id-diskussjoni fejn minhabba l-pandemija s-Sindku ssugerixxa li tali attivita' jkun ghaqli li ssir fil-berah bhal ma huwa San Dimitri u ghalija jigu mistiedna biss il-gurnalisti peress li trid issir publika pero' fl-istess waqt ma nisghux nistiednu lin-nies. Waqt li tkun qeghda ssir din tkun tista' tigi trasmessa live. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel li ghandha ssir fejn San Dimitri u mxandra live.

24.3.2 Is-Sindku spjega li gie avvicinat minn residenti fi Triq ta' Sdieri fejn kien qed jitlob li jsir parkegg ghall-persuni b'dizabilita'. Huwa spjega li din il-persuna kienet diga applikat pero' minhabba li ma kienx hemm distanza bejn parkegg ghall-persuni b'dizabilita' esistenti ghal fejn kienet qeghda ssir it-talba dan gie rifjutat mit-Transport Malta. Kien issugerit li dan isir aktar 'l isfel fit-triq. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ghandha tkun it-Transport Malta li tiddeciedi.

8.44AM Joseph Mizzi dahal ghal-laqgha.

24.3.3 Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss hija dik tal-karnival li f'dawn ic-cirkustanzi ma

setghetx issir. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li biex indahhlu lin-nies fl-atmosfera, jigu mikrija maskaruni minn Malta. Apparti minn dan tista' tiehu sehem xi banda jew daqq pero' l-banda tal-lokalita' ma kienetx interessata li tiehu sehem minhabba is-sitwazzjoni tal-Covid-19. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn Tonio Mifsud issugerixxa li jekk ikun hemm xi daqq jista' jsir trasmess live fejn dawn jaghmel effett u n-nies japprezzawhom u li ssir l-ikbar prinjolata. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandhom jingabu l-maskaruni minn Malta kif ukoll li ghandhom jingabu l-bniendar tal-karnival minn Malta sabiex inzejnu d-dahla tal-lokalita'

24.3.4 Giet diskussa l-attivita' tal-Valentine, fejn s-Sindku ssugerixxa li tinkiteb il-kelma 'LOVE' bl-injam u tinzebah abjad u ahmar u titpogga f'nofs il-funtana fi Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

24.3.5 Is-Sindku qal li nhar l-4 ta' Frar, jahbat l-anniversarju mill-mewt ta' Frangisk Portelli u tajjeb li quddiem id-dar tieghu li llum hija skedata ghandha titpogga plakka fuq stand li turi li f'dan il-post kien jghix Frangisk Portelli. Is-Sindku qal li minn stejjem li kien kiseb il-Kunsill stand ta' l-istainless steel tiswa madwar €700 eskluz il-VAT. Ghal dan il-ghan huwa ssugerixxa li ssir wahda tal-hadid li tista' fil-fehma tieghu tiswa inqas li tkun tidher ftit qisa bis-sadid sabiex tkun kumplimentarji mall-post. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha tehel din il-hadida.

24.3.6 Is-Sindku qal li sar suggeriment sabiex it-triq li taghti ghal Triq San Dimitri tkun one way nhar ta' Sibt u Hadd u festi pubblici. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha tithalla kif inhi fil-prezent peress li huwa ta' periklu.

24.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jara l-iskeda tal-Gbir ta' Skart. Huwa qal li hemm problema fil-flats godda li hemm fi Triq il-Knisja peress li dawn kienu wahlu gnuc mall-genb tal-flats sabiex jitpogga l-iskart. Peress li dan mhux permessibli kien intalab lil min hu responsabbli mill-blokka sabiex inehhuhom. Issa nholqot problema li l-iskart qed jithalla fl-art u qed ikun hemm il-hmieg matul it-triq. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jikkuntatja lil ERA sabiex tinbidel l-iskeda tal-gbir ta' skart fejn din ghandha tkun kif segwenti:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | Gbir ta' Skart Organiku |
| It-Tlieta | Gbir ta' Borza Griza ghar-reciklagg |
| L-Erbgha | Gbir ta' Skart Organiku u Borza Sewda |
| Il-Hamis | Ma jingabarx Skart |
| Il-Gimgha | Gbir ta' Skart Organiku |
| Is-Sibt | Ma jingabarx Skart |
| Il-Hadd | Gbir ta' Borza Sewda |

Il-Vici Sindku staqsa jekk kienetx inharget offerta mill-Gvern Centrali. Is-Sindku qal li l-Gvern Centrali kien qed jahdem sabiex jiehu hsieb l-iskart. Gie innotat ukoll li waqt laqgha li kienet saret l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienu issuggerew li ghandhom jitpoggew bins taht l-art u minflok jingabar l-iskart bieb bieb jintuzaw

dawn il-bins. Fuq dan il-punt, is-Sindku ssugerixxa li bring-in-sites ghandhom jitpoggew taht l-art. Tonio Mifsud staqsa jekk kienx hemm fondi ghal dan fejn is-Sindku qal li l-Kunsill jista' japplika ghal dawn il-fondi taht l-iskema ta' SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' ghall-Immaniggjar tal-Iskart.

Tkompliet id-diskussjoni fuq din l-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandu jissugerixxi skeda gdida lil ERA skond kif diskuss aktar 'il fuq. Apparti dan il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal fondi permezz ta' l-applikazzjoni SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' ghall-Immaniggjar tal-Iskart.

**24.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

24.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera.

**24.5 Korrispondenza u Rapporti**

24.5.1 Giet trattata korrispondenza minn residenti fir-rigward tat-twessieh ta' triq fejn il-kamra tan-nar ta' l-Gharb. Gie innotat li l-permessi mehtiega diga kienu inhargu pero' dan l-ahhar kien hemm artiklu fuq il-gazzetta u dan kien holoq ftit ta' thassib. Ir-resident kien qed jilmenta dwar it-twessieh tat-triq liema triq hija diga imwessa. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja.

24.5.2 Korrispondenza fir-rigward tal-Management Plan. Din il-materja kienet diga giet diskussa iktar kmieni fil-laqgha.

24.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand resident fi Triq Trux. Dan ir-resident li diga kien hemm diskussjonijiet fir-rigward ta' problema ta' ilma li kellu kien issa qed jitlob li jsir sleeping policeman madwar 6m 'il fuq mir-residenza tieghu sabiex inaqqas is-sewqan eccessiv u dan ghandu jsir b'tali mod li l-hump tkun maqsuma fi tnejn biex l-ilma jghaddi min-nofs. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li ghandu jibghat lit-Transport Malta ghall-approvazzjoni.

24.5.4 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA/00309/21, PA/00241/21, PA/0006621 u PA/03311/20.

24.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand it-Transport Malta fir-rigward ta' talba ghal parkegg ghal persuni b'dizabilita' fi Sqaq Nru. 1 fi Triq l-Isqof M. Molina. Din il-korrispondenza kienet ga giet diskussa fil-laqgha precedenti fejn il-Kunsill zamm l-istess posizzjoni.

**24.6 Attivitajiet**

24.6.1 L-Attivitajiet gew diskussi waqt il-komunikat tas-Sindku.

**24.7 Skeda ta' Gbir ta' Skart**

24.7.1 L-iskeda ta' skart giet diskussa waq il-komunikat tas-Sindku.

**24.8 Progetti u Xogholijiet**

24.8.1 Giet diskussa z-zebra crossing taz-zona tal-fgura fejn is-Sindku spjega kif kienu qed jipproponu it-Transport Malta wara li saret laqgha fuq il-post. Il-proposta kienet tinkludi li issir zebra crossing fil-bidu ta' Triq il-Knisja u ohra fil-bidu ta' Triq Frangisk Portelli. Tkompliet id-diskussjoni fejn Tonio Mifsud issugerixxa li ssir minn sqaq ghal sqaq pero' gie innotat li fil-post propost tkun perikoluza. Tonio Mifsud qal li f'din iz-zona hemm problema minhabba sewqan eccessiv u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jkellem lil LESA Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat il-proposta ghaz-zebra crossing wahda fil-bidu ta' Triq il-Knisja u ohra fi Triq Frangisk Portelli kif ukoll li ghandhom jigu infurmati tal-LESA biex jaghtu warnings ghal sewqan eccessiv.

24.8.2 Is-Sindku spjega li kien hemm problema mall-kuntrattur tat-toroq peress li dan ma kienx qieghed jimxi mall-pjan ta' xogholijiet u ma kienux qeghdin jitkomplew ix-xogholijiet. Huwa spjega li kienet intbghatet ittra permezz ta' l-avukat fejn giet moghtija lilu pjan ta' hidma li jrid jimxi maghha bil-premessa li nhar it-Tnejn jidhol u jkompli x-xogholijiet. Il-pjan huwa li jinbdew ix-xogholijiet fuq in-naha ta' barra ta' Triq Birbuba u wara l-Kunsill jiddeciedi kif ser jipprocedi fuq in-naha ta' gewwa jekk hux major patching jew inkellha resurfacing.

24.8.3 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogholijiet fuq il-grawnd tal-futbol kienu tkomplew u suppost li ghandhom ikunu lesti sal-gimgha d-diehla.

**24.9 Bye-Laws**

24.9.1 Gew diskussi l-Bye-Laws li ghad baqa' li huma s-segwenti:

Kiri ta' Propjeta' – Din il-bye-law kienet diga approvata pero' kif gie diskuss fl-laqgha precedenti din kellha bzonn li tigi aggornata. Gie spjegat kif ser tigi aggornata u x'ser tinkludi fiha. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bil-passi li jmiss sabiex tghaddi ghall-approvazzjoni.

Tnaqqis ta' Storbju – Din il-bye-law kienet giet diskussa mill-Kunsill li ghandha tigi introdotta. Giet ghalhekk diskussa u l-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi sabiex din tghaddi ghall-approvazzjoni.

Rimi ta' Skart – Il-Kunsill iddiskuta dwar dak li kienet tinkludi fiha din il-bye-law fejn qabel li din ghandha tigi introdotta u ghaldaqstant qabel li ghandu jipprocedi ghall-approvazzjoni taghha.

**24.10 Performance Bonus**

24.10.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-performance bonus li jinghata lill-impjegati tal-Kunsill.

Is-Sindku ddikjara lill-Kunsill li fil-kaz ta’ Assistant Principal huwa kellu interess familjari u ghalhekk irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ppresideda l-Vici Sindku. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus ta’ l-Assistant Principal fejn qabel unanimament li din ghandha tinghata l-performance bonus 6%.

Is-Sindku rega’ ssejjah lura fil-kamra u kompla jippresiedi. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u ta’ l-iskrivan fejn approva unanimament il-performance bonus ta’ 10% u ta’ 6% rispettivament.

9.26AM Tonio Mifsud talba li jigu skuzat u hareg mil-laqgha.

**24.11 Materji ohra**

24.11.1 Is-Sindku informa lill-membri li nhar it-Tlieta 9 ta’ Frar ser tkun qeghda ssir il-press conference fil-11am fuq il-progett tal-Meeting Hub – Gharb. Il-membri kollha huma mistiedna.

**24.12 Skeda ta’ Pagamenti**

24.12.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**24.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

24.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 26 ta’ Frar, 2020 fit-8.30am.

22.12.2 Il-laqgha spiccat fil-9.33am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv